MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 307/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur R. Aquilina)**
**Vs**

**Joseph Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta’ Lulju, 2005 ghall-habta tal-10.00 a.m., meta hekk ordnat mill-Qorti Civili Sekond’Awla, digriet nru. 23/2003, naqas li jaghti l-manteniment jew parti mill-manteniment dovut lil martu Rita Schembri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Ottubru, 2005, li biha,

wara li rat l-Artikolu 338(z), u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni kif dedotta w filwaqt li kkundannatu ghal gimgha detenzjoni, ordnat il-hlas ta' hamsa w hamsin lira Maltin (LM55) fi zmien gimgha, taht penali ta' zewg liri Maltin (LM2) kull jum ai termini tal-Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Novembru, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata b'dan illi ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontrih u minnha tilliberah minn kull imputazzjoni w htija w, f'kaz illi l-Qorti xorta wahda tikkonferma l-htija, timmodifika s-sentenza appellata ghal dak li ghandu x'jaqsam il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti b'dan li flok tikkundannah ghal detenzjoni ta' gimgha, tikkundannah reprensjoni w ammonizzjoni jew tilliberah bil-kundizzjoni li din il-Qorti jidhrilha li ghandha timponi fic-cirkostanzi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe' :-
1. li ladarba d-Digriet tas-Sekond' Awla huwa ordni li jorbot lill-partijiet fil-konfront ta' xulxin sabiex jaderixxu mall-istess kondizzjonijiet hemm kontenuti, u peress li martu ma adempietx l-obbligu taghha li taghtih access ghall-uliedu minuri skond ma kienet obbligata taghmel skond l-istess digriet u peress li “Pacta sunt servanda”, allura l-appellant kien intitolat bil-ligi li ma jesegwix il-parti tieghu mill-istess kuntratt. Illi martru bi skuza jew b' ohra regolarment iccahhdu mill-access ghall-uliedu w ghalhekk l-Ewwel Qorti jmissha ppermettiet li l-kawza tal-manteniment u dik kontra martu li ma tatux access, jinstemghu flimkien. In-nuqqas ta' martu li ma tatihx access ma jistax jigi sanat kif jista' jigi sanat in-nuqqas ta' hlas ta' manteniment. Hu kien il-vittma tal-vendikazzjoni ta' martu w ma ghandux jinghata l-piena meta hu l-vittma. Il-piena hija harxa meta wiehed iqis li hu hallas l-ammont dak in-nhar stess wara l-kawza.

**Semghet ix-xhieda w hadet l-informazzjoni ulterjuri fis-seduta tal-lum;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat il-verbal tal-lum li bih il-prosekuzzjoni w il-parte civile ma nsistewx ghal piena karcerarja in vista li sar il-hlas dak in-nhar stess tas-sentenza appellata.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-aggravju principali tal-appellant hu li hu kellu dritt li ma jobdix l-ordni moghti fid-Digriet tas-Sekond' Awla ghaliex martu minn-naha taghha naqset diversi drabi li takkordalu access lill-uliedu minuri kif suppost li kienet obbligata li taghmel in forza tal-istess Digriet li ordnalu jhallas il-manteniment. Issa fil-waqt li hu minnu li d-Digriet numru 971/2003 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Lulju, 2003, li ordna lill-appellant ihallas manteniment ta' LM55 fil-gimgha lill-martu ghaliha u ghal-uliedu minuri , kien ukoll ordna li l-appellant jinghata "access liberu" ghall-imsemmija minuri , dawn fl-ewwel lok ma kienux obbligazzjonijiet kuntrattwali , imma ordni tal-Qorti fil-konfront tal-wiehed li jhallas il-manteniment u fil-konfront tal-mara li taghti l-access lill-missier. Ghalhekk hawn zgur li ma jidhlux principji ta' dritt li jistghu ikunu applikabbli fil-kummerc fejn l-inadempjenza ta' parti tista' b' xi mod tiskuza jew tiggustifika l-inadempjenza tal-parti l-ohra.**

**Hawn si trattava ta' zewg ordnijiet moghtija lil zewg persuni differenti w li jsibu s-sanzjoni penali taghhom f' kaz ta' non-ubbidjenza f' zewg reati differenti fil-kodici Kriminali, u cioe' l-artikolu 338 (z) fil-kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment u l-artikolu 338 (*ll*) fil-kaz ta' minn jirrifjuta li jaghti access lill-wild taht il-kustodja tieghu jew taghha. Meta xi parti jew ohra ma tobdix l-ordni tal-Qorti kompetenti , tinkorri s-sanzjoni penali rispettiva kontemplata ghan-nuqqas tieghu jew taghha, indipendentement minn proceduri li jistghu**

**jittiehdu kontra l-parti l-ohra w l-ezitu taghhom. Pero' kull parti trid twiegeb ghall-agir taghha u hawn ma hemm ebda skuzanti kontemplat fil-ligi li jaghti lok ghat-tpattija jew rapprezalja. Lanqas hu guridikament koncepibbli li jkun hemm xi forma ta' kompensazzjoni bejn reat u iehor .**

**Ghalhekk l-uniku rimedju li kellu l-appellant jekk martu kienet qeghdha ccahhdu abuzivament mill-access liberu ghall-uliedu, kien li hu stess, a sua volta, jistitwixxi proceduri kriminali kontra taghha skond l-artikolu 338 (** ***ll*** **) fuq imsemmi jew jirrikorri ghall-intervent tas-Sekond' Awla biex timmodifika jew tvarja d-digriet taghha in kwantu jirregola l-access tieghu ghall-uliedu. Pero' bl-ebda mod ma kien intitolat li jissospendi - anki temporanjament - il-hlas tal-manteniment li kien ordnat ihallas, sakemm id-Digriet tas-Sekond' Awla jkun ghadu in vigore.**

**Din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet** "Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar" **[2.9.1999] kienet irriteniet testwalment hekk :-**

***"Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) …kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null . "***

***"Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-***

***1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f'dan il-kaz , jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza , kopja legali tas-sentenza relattiva.)***

***2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni , kellha tithallas is-somma ."***

***Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova , jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita', li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni . "***

(ara wkoll fl-istess sens is-sentenzi : **"Il-Pulizija vs. Lawrence Cutajar"** – [10.3.1995] u **"Il-Pulizija vs.Carmelo Farrrugia"** [ 23.1.98] )

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti, din il-Qorti, minn flok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur li ma' taqax taht il-kompetenza taghha. Lanqas ma tista' din il-Qorti (u l-istess il-Qorti tal-Magistrati) tirraviza xi speci ta' kompensazzjoni bejn reat u iehor bhal meta jigi allegat – kif qed isir f' dan il-kaz - li l-manteniment ma jkunx thallas bhala rapprezalja ghax il-pagatur ma jkunx inghata access ghall-uliedu minuri.

**Fil-kamp kriminali biex tirrizulta l-htija ta' natura kontravenzjonali taht l-imputazzjoni bhal dik dedotta kontra l-appellant bizzejjed li jigi pruvat il-fatt tal-ordni tal-Qorti kompetenti li tordna l-hlas tal-manteniment - u normalment dan isir bl-esebizzjoni ta' kopja legali tad-Digriet relattiv - u li l-akkuzat ikun naqas li jhallas l-ammont li jkun ordnat li jhallas mill-Qorti kompetenti fil-periodu imsemmi fil-komparixxi u - trattandosi ta' reat kontravvenzjonali - li dan ikun sar volontarjament. Mill-bqija, konsiderazzjonijiet ohra jistghu biss u f ' certi kazijiet jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini tal-applikazzjoni tal-piena, fejn il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tapplika piena karcerarja ta' detenzjoni , ammenda jew, addirittura, ta' canfira jew twiddiba.**

**Ghalhekk l-aggravji kollha dwar is-sejbien ta' htija huma nfondati guridikament u huma insostenibbli u qed jigu respinti.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ahhar aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena w qed tintalab varjazzjoni tal-istess in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.**

**Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u bosta sentenzi ohrajn.)**

**Illi r-raguni principali li qed jadduci l-appellant ghal varjazzjoni fil-piena hija dik li hallas l-ammont in kwistjoni dak in-nhar stess li nqatghet is-sentenza appellata.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti (Ara.** "Il-Pulizija vs. Publius Said**" [9.7.2003] u ohrajn) l-ghan ewlieni tal-legislatur meta introduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati , li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. Din il-Qorti pero' normalment tiehu konjizzjoni tal-fatt jekk ikunx sar il-hlas tal-manteniment dovut fil-kors tal-pendenza tal-appell u fejn dan jirrizultalha, dan ikun raguni biex f' xi kazi tigi varjata l-piena. F'dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq bil-pagament tal-ammont**

**imsemmi fic-citazzjoni w ghalhekk din il-Qorti thoss li in vista ta' dan l-izvilupp li intlahaq biss fil-mori tal-appell, hemm lok ghal temperament fil-piena .**

**Inoltre ladarba il-hlas ordnat sar, ma hux il-kaz li jibqa' jsehh l-ordni moghti fis-sentenza appellata.**

**Pero' din il-Qorti tixtieq ghall-kull buon fini terga ttenni dak li gja gie ritenut minnhha fil-kawza :** "Il-Pulizija vs. John Chircop" [3.11.2005]**, u cioe' li ordni simili mhux indikat li jsir f' kazijiet simili, ghaliex diga' jkun hemm ordni ta' Qorti ghall-pagament li jista' jigi esegwit civilment u l-artikolu 377 (3) ma japplikax ghall-kazijiet ta' hlas ta' manteniment.**

**Illi l-Artikolu 377 (3) tal-Kap.9 jiddisponi li :-**

***"Il-Qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jaghmel ir-reat, tordnalu it-tnehhija ta' kull dizordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat jew, skond ic-cirkostanzi, li jikkonforma ruhu mall-ligi, fi zmien, bizzejjed ghal dak il-ghan izda f' ebda kaz mhux aktar minn tlitt xhur mid-data tas-sentenza…."***

**Illi mhux il-kaz li f' kawzi ta' nuqqas ta' hlas ta' mantenimernt jigi applikat dan il-provvediment jew sanzjoni ghax hawn non si tratta ta' *"dizordni*" jew *"inkonvenjent* " "ut sic".**

**Inoltre, anki kieku dan ma kienx il-kaz, din il-Qorti ma tarax li wara li jkun hemm digriet jew sentenza ta' manteniment jew kuntratt li jistipula l-hlas ta' manteniment, meta dawn diga' minnhom innifishom jikkostitwixxu titolu ezekuttiv, li Qorti ohra terga' tordna li jsir l-istess hlas li ma jkunx sar bi ksur tal-ligi jew tal-obbligi kuntrattwali. Dan hu rimedju ghal kollox superfluwu w ineffikaci u mhux indikat f'kawzi bhal dawn u l-Qrati tal-Magistrati m' ghandhomx japplikawh. Is-sanzjoni, f' kaz ta' sejbien ta' htija taht l-artikolu 338 (z), ghandha tkun dik kontemplata ghar-reati ta' natura kontravvenzjonali w ghandha tigi kalibrata skond il-gravita', ripetizzjoni w cirkostanzi**

**ohra tal-kaz minn wahda ta' piena ta' detenzjoni ghal zmien ta' mhux izjed minn xaharejn skond l-artikoli 7 (2) u 12 (1) tal-Kap.9 (jew aktar f' kaz ta' reat kontinwat) ghall-inqas piena li hija dik ta' canfira jew twiddiba (Art.7 (2) tal-Kap.9).**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament kif ser jintqal u cioe' billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu w billi tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-piena ta' sebghat (7) ijiem detenzjoni u in kwantu ordnatlu li jeffettwa l-hlas fi zmien gimgha taht penali ta' zewg li liri Maltin (LM2) ai termini tal-artikolu 377 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w minnflok tikkundannah ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25), li pero', jekk ma tithallasx illum stess, tigi konvertita f' hamest ijiem detenzjoni skond l-artikolu 13 (2) u 14 (1) tal-Kodici Kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------